MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 174/2003

Il-Pulizija
(Spettur J. Cilia)
Vs

Maurizio Massimiliano

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

1) fi Frar, 2000 ikkommetta serq ta' tmien flixken tax-xorb, mid-Dolphin Supermarket sitwat f'Hal Balzan;
2) nhar it-22 ta' Frar, 2000 u fil-granet ta' qabel din id-data, f'Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe' l-oggetti indikati fl-ewwel akkuza, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3) u aktar talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Awla 9) datata 29 ta' Lulju 1999, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Settembru, 2003, li biha, wara li rat l-artikoli 334, 49 u 50 tal-Kap. 9 kif ukoll l-artikoli 261, 284 u 285 tal-Kap. 9 illiberatu mit-tieni imputazzjoni izda sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni kif ukoll iddikjaratu recediv u kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu kollu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv ghal dan ir-reat.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 t'Ottubru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata fejn hu gie lliberat mill-akkuza ta' ricettazzjoni w tirriforma l-istess sentenza billi tvarja l-piena mposta ghal wahda aktar gusta w ekwa.

Rat l-aggravji tal-appellant kollha dwar il-piena u qieset l-istess;

Fliet l-atti kollha proceswali;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni w d-Difiza;

Peress illi jidher mill-fedina penali refrettarja ghall-ahhar ta' l-appellant li ma jidhirx li huwa l-kaz illi l-Qorti terga' taghti xi opportunita' ohra lilu biex jirriforma ruhu u dana ghaliex apparti l-precedenti penali kollha tieghu, din is-sena stess diga' gie sentenzjat ghal sentejn prigunerija fl-1 t'April, 2003 ghar-reat kommess wara r-reat mertu ta' dan l-appell, u dana juri bl-iktar mod car illi l-appellant ma jridx jew ma jistax jirriforma ruhu;

Illi f'kull kaz il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" [14.6.1999] , "Ir-

Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" [24.4.2003] u ohrajn.)

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tara ebda lok ghal temperament fil-piena;

Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------